**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 21 ta' Ottubru, 2019**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 526/2015**

**Marija Zammit**

**vs**

**Jane Busuttil u**
**b'digriet tal-21 ta' Novembru 2017**
**Jason Busuttil u Jacqueline Leonard eredi tad-defunta Giovanna sive Jane Busuttil assumew l-atti tal-kawza u dan wara l-mewt tal-istess konvenuta Giovanna sive Jane Busuttil, u**
**zewgha Nazzareno Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-1 ta' Gunju, 2015 li jghid hekk:

1. Illi fil-21 ta' Awwissu 2008 ghall-habta tad-9.00 p.m., waqt li r-rikorrenti kienet qieghda taghti xi ikellil xi annimali fi Triq is-Summien, Hal Safi, hija giet aggredita b'mod feroci mill-intimata Jane Busuttil.

2. Illi l-intimata attakkata minn wara, qabditilha ghonqha minn wara u bdiet tifgaha, tant illi r-rikorrenti hasset nifisha jinqata'.

3. Illi l-intimata sabbtitha u kaxkritha mal-art u ghal ftit ma mbuttathiex go hofra fonda madwar zewg sulari (pedament bil-blat) li kien hemm fil-qrib fejn kien ser jitla' l-bini.

4. Illi r-rikorrenti twerwret u rnexxielha tinheles minn taht idejn l-intimata, izda sofriet griehi f'ghonqha kif muri fir-ritratt Dok. A, u f'partijiet ohra ta' gisimha. Ir-rikorrenti kellha tircievi kura fic-Centru tas-Sahha tar-Rahal il-Gdid, kif ukoll kellha tiehu "x-ray of Skull" l-Isptar San Luqa. Hija giet iccertifikata mit-Tabiba Pamela Gauci bhala li

kienet qieghda ssofri minn diversi griehi, u dan skont ma jirrizulta mic-certifikati markati Dok. E u F rilaxxjati minn Dr Pamela Gauci nee Seychell (2962). Barra minn hekk, ir-rikorrenti sofriet trawma psikologika u ghal zmien konsiderevoli, li jigi aktar minn xahar, hija kellha tircievi trattament minghand il-Psikologu Matthew Bartolo, kif jirrizulta mill-annessi dokumenti rilaxxjati minnu.

5. Illi l-intimata Jane Busuttil, tant kienet mimlija b'astju lejn ir-rikorrenti u tant xewxet lil zewgha l-intimat Nazzareno Busuttil kontra r-rikorrenti, illi jumejn wara, jigifieri fit-23 ta' Awwissu 2008, meta dan ra lir-rikorrenti flimkien ma' ohtha Margaret Bongailas fil-karozza wieqfa, qabad u fetah il-bieba tal-karozza u heddidha li joqtolha u "jmur il-habs minn fuqha" u heddidha li ser igib senter, u rega' werwirha. Imbaghad sejjah Iil Jane Busuttil biex tigi tkompli mieghu, filwaqt li Jacqueline Leonard kienet tinstema' toffendi lill-attrici.

6. Illi minhabba l-agir tal-intimati, ir-rikorrenti garrbet hsara gravi li damet iktar minn xahar biex tfieq, kif ukoll debbulizza u hsara psikologika permanenti tal-mohh.

7. Illi permezz ta' kwerela datata 27 ta' Awwissu 2008 iffirmata mill-Avv. Marion Camilleri, il-Pulizija giet mitluba 'inter alia' tiehu passi kriminali fuq attentat ta' qtil kontra Jane Busuttil.

8. Illi b'sentenza tas-26 ta' Jannar 2015 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lill-intimata Jane Busuttil "hatja tal-akkuza li kkagunat feriti ta' natura hafifa (kif inkorporata fl-akkuza aktar serja ta' ferita gravi) fuq il-persuna ta' Marija Zammit u tikkundannaha multa ta' mitt ewro (EUR100) .... Il-Qorti ... tipprovdi ghas-sigurta ta' Marija Zammit billi qieghda torbot lill-imputata b'obbligazzjoni ta' mitejn ewro (EUR200) li ma timmolestax u ma tingurjax lill-istess Marija Zammit ghal perjodu ta' sena millum ai termini tal-Artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

9. Illi fir-rigward ta' Nazzareno Busuttil, l-azzjoni giet estinta bil-Preskrizzjoni ghaliex l-Ispettur Carlos Cordina talab 'korrezzjoni' fl-akkuza billi minflok il-jum korrett tat-23 ta' Awwissu 2008, jitnizzel il-jum zbaljat tal-21 ta' Awwissu 2008, u wara li giet milqugha l-korrezzjoni, il-kawza giet iddikjarata preskritta.

10. Illi minbarra l-ispejjez tal-Psikologu Matthew Bartolo, ir-rikorrenti kellha thallas spejjez legali konsiderevoli sabiex tipprotegi d-drittijiet taghha.

11. Illi l-intimati Jane Busuttil u zewgha Nazzareno Busuttil huma responsabbli skont il-ligi ghall-konsegwenzi u l-effetti tal-hsara personali kkawzata minnhom lir-rikorrenti u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mir-rikorrenti b'rizultat tal-imgieba illegali taghha fil-21 u fit-23 ta' Awwissu 2008.

12. Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) Tiddikjara lill-intimata Jane Busuttil unikament responsabbli ghall-incident tal-21 ta' Awwissu 2008 u ghad-danni u konsegwenzi kollha rizultanti minnu, fosthom debbulizza u hsara psikologika permanenti fil-mohh.

(2) Tiddikjara lill-intimat Nazzareno Buttuttil u martu Jane Busuttil kongjuntement responsabbli ghall-incident tat-23 ta' Awwissu 2008 u ghad-danni u konsegwenzi kollha rizultanti minnu, fosthom debbulizza u hsara psikologika permanenti fil-mohh.
(3) Tiddikjara lill-intimat Nazzareno Busuttil responsabbli ghall-istess danni flimkien ma' martu, 'in solidum', bhala komproprjetarju tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom.
(4) Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, inkluzi 'damnum emergens' u 'lucrum cessans'.
(5) Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati.

B'riserva ta' azzjoni ghad-danni morali ossija non-pecuniary damages.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittri Ufficjali 1227/10,818/12 u tal-21 ta' Marzu 2014, kontra l-intimati; u bl-imghaxijiet skont il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti rationae valoris;

2. Illi l-esponenti Nazzareno Busuttil ma huwiex legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Dan stante illi anke kif jirrizulta mill-premessi attrici l-esponenti imkien ma jikkonfigura fl-incident li ta' lok ghal din l-istanza u ghalhekk qatt ma jista' jkun hemm solidarjeta;

3. Illi wkoll in linea preliminari t-talbiet attrici huma perenti a tenur ta' artikolu 2154 tal-Kap. 16 li jirreferi ghall-perjodu preskrittiv fil-Kap. 9. Konsegwentement il-preskrizzjoni ghar-reat kontemplat f'artikolu 221 (L-offiza fuq il-persuna li ma ggib ebda wahda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija hafifa, u ghaliha tinghata l-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa) tal-Kap. 9 li tieghu l-esponenti Jane Busuttil instabet hatja hemm perjodu ta' preskrizzjoni a tenur ta' artikolu 688.e (bl-eghluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmen ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet) ta' sentejn.

4. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-griehi sofferti mir-rikorrenti fl-ebda mod ma jistghu lanqas remotamenti jgibu nuqqas ta' opportunitajiet ta' xoghol fil-futur ghar-rikorrenti, jew li fil-futur ghad jistghu jkunu ta' tfixkil fl-impjieg (Fil-fatt il-Qorti lal-Magistrati (Malta) fil-kawza penali mertu ta' dan l-incident fl-ismijiet il-Pulizija vs Jane Busuttil deciza 26-01-15 b'referenza ghall-griehi subiti mir-rikorrenti kienet irriteniet (a pag 30) 'Dwar il-feriti li sofriet il-kwerelanti jidher li dawn kienu kollha ta' natura hafifa. Jidher li l-parte civile ma kinitx kuntenta bl-istat ta' fatti kif gew provati mill-Prosekuzzjoni u talbet lill-Qorti tinnomina espert mediku sabiex jinvista l-kwerelanti u din giet invistata minn Dr Jonathon Joslyn li wkoll ikkonferma li l-feriti kienu ta' natura hafifa. Ghalhekk f'dan ir-rigward ma jidher li hemm ebda dubju dwar in-natura tal-feriti).

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2015, li permezz tieghu d-difensur tal-konvenuti irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat l-atti, ir-rapport tal-perit psikjatra Dr Anthony Zahra u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qeghda titlob minghand il-konvenuti dikjarazzjoni ta' responsabbilita ghall-incidenti li sehhew fil-21 u fit-23 ta' Awwissu, 2008, kif ukoll, likwidazzjoni u kundanna ta' hlas ta' danni, li hija tghid li garrbet wara dawn iz-zewg incidenti, li sehhew fi Triq is-Summien, Hal-Safi. L-attrici kienet qeghda taghti xi ikel lil kelba abbandunata u fl-ewwel incident sfat attakkata fisikament mill-konvenuta, li wassal sabiex hija ssosfri minn diversi griehi, filwaqt li fit-tieni incident, hija spiccat attakkata verbalment miz-zewg konvenuti, fejn jinghad li spiccat issofri minn trawma psikologika ghal zmien konsiderevoli, li wassal ghal hsara psikologika permanenti tal-mohh.

Min-naha taghhom il-konvenuti jressqu d-difiza li (i) din il-Qorti mhix kompetenti *ratione valoris;* (liema eccezzjoni giet irtirata) (ii) li l-konvenut Nazzareno Busuttil mhuwiex legittimu kontradittur u li ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;(iii) li l-azzjoni attrici hija perenta a tenur tal-artikolu 2154 tal-Kap. 16, peress li ghar-reat li tieghu l-konvenuta Jane Busuttil instabet hatja, jinsab preskritt bid-dekors tat-terminu ta' sentejn; (iv) kif ukoll li fil-mertu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**Provi**

L-attrici, llum pensjonanta, tixhed li fil-21 ta' Awwissu, 2008, fid-disgha ta' filghaxija, meta hija marret sabiex taghlef kelba, ma' genb scrapyard, fi Triq is-Summien, Hal-Safi, hija sfat l-ewwel aggredita verbalment, meta kienet ghada fil-karozza u mbaghad, hekk kif harget mill-karozza, tghid li l-konvenuta hatfitha minn ghonqha minn wara, tant li hassitha li kienet ser tifga. Sussegwentement, meta l-konvenuta telqetilha ghonqha, qabditha minn idejha u d-driegh tal-lemin u sabtet l-attrici mal-art, tant li habtet rasha u dan ghal aktar minn darba. Tghid li l-konvenuta Jane Busuttil kaxkritha lejn nofs it-triq u bezghet li kienet ser titfaghha f'hofra (pedament ta' bini fonda madwar zewg sulari) li kien hemm fil-vicin. Tixhed li ghalkemm kien hemm

zewgt irgiel fil-vicin, dawn ma ccaqalqux u ma waqqfux lill-konvenuta. Tispjega li ghalkemm hija kienet taf lill-konvenuta di vista, izda qatt ma kellha xi tghid maghha u ghalhekk baqghet skantata. Ghalhekk l-uniku raguni li setghet issib wara dan l-attakk, kien il-fatt li kienet tmur taghlef lil din il-kelba abbandunata, izda tghid li kienet taghmel dan, bil-permess ta' sid is-scrapyard. Din tinsab fi triq differenti minn fejn toqghod l-istess konvenuta. Tispjega li wara dan l-incident hija sofriet diversi griehi fuq gisimha, fosthom ghafsa fuq ghonqha, li hallitilha marki homor ma' ghonqha (ara ritratt esebit a fol. 5 tal-process). Tghid li hija ma messet lill-konvenuta bl-ebda mod, anke peress li filwaqt li l-attrici hija twila madwar hames piedi, l-konvenuta hija deskritta bhala "mara robusta".

Ftit wara li sehh dan l-incident, inzertat ghaddejja bil-karozza n-neputija tal-attrici, Samantha Farrugia u wara li qaltilha li qalghet xebgha, marru bil-karozzi rispettivi taghhom lejn id-dar ta' omm l-attrici u hemm irrakontat lill-familjari taghha x'kien gara. L-attrici marret flimkien mal-qraba taghha l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq, fejn sabet is-Surgent tal-Pulizija Martin Bugeja, li wara li rrakkontatlu l-incident, bghatha tiddewwa fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, sabiex taghmel certifikat mediku, u b'hekk il-pulizija jkunu jistghu jipprocedu fil-konfront tal-konvenuta, bil-qorti. Fic-Centru tas-Sahha ratha t-tabiba Pamela Seychell (illum mizzewga Gauci) li kkonstatat diversi griehi (ara certifikat mediku a fol. 7 tal-process), fosthom abrazzjonijiet, grif u gundalla *(haematoma)* fuq in-naha leminija tar-ras. Minhabba din tal-ahhar, it-tabiba kienet: "*Tal-opinjoni li l-pazjenta tigi nvestigata l-isptar minhabba d-daqqiet f'rasha (Referred to hospital for further investigation)*." L-isptar ittiehed X-ray ta' rasha, izda ma rrizulta ebda ksur (ara fol. 8 tal-process). Filwaqt li n-neputija taghha Samantha Farrugia hadet ir-ritratti tal-griehi u tat-tbengil li kellha.

It-tieni incident sehh fit-23 ta' Awwissu, 2008, meta l-attrici marret taghlef mill-gdid il-kelba abbandunata, flimkien m'ohtha Margaret Bongailas u meta kienu ghadhom fil-karozza, r-ragel tal-konvenuta Nazzareno Busuttil, konvenut ukoll f'din il-kawza, qabad u fetah il-bieba tal-karozza taghhom u beda jghajjat sabiex ma jmorrux aktar 'l hemm, peress li fi kliem l-attrici, kienu ser jghalluh u jibghatuh il-habs, tant li werwirhom. Wara ftit, gew ukoll il-konvenuta u binthom li wkoll bdew jghajjruhom.

Dwar it-tieni incident ukoll, l-attrici, flimkien m'ohtha ghamlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija, taz-Zurrieq.

Fis-26 ta' Awwissu, 2008, l-attrici regghet giet invistata mit-tabiba Pamela Seychell, fejn inhareg certifikat mediku iehor (ara certifikat a fol. 9 tal-process) fejn jissemmew diversi tbengiliet riskontrati mill-istess tabiba, li minnu jirrizulta li t-tabiba ddikjarat: "*Dawn il-griehi tfaccaw wara l-ewwel data ta' ezami (21/08/08) – allegatament mill-istess glieda, izda jien qed narghhom ghall-ewwel darba illum*." L-attrici tkompli tispjega li wara l-aggressjoni li sofriet, hija kellha tattendi ghal terapija ghand il-counsellor Matthew Bartolo, peress li ghaddiet minn trawma u kellha xokk kbir li damet u ghadha ssofri minnu, stante li qatt ma stenniet li persuna li kienet semplicement taf, kienet ser tattakkaha. Fil-fehma taghha ma kienet qeghda taghmel xejn hazin, billi kienet qeghda taghlef kelba abbandunata u dan bil-permess ta' sid l-iscrapyard. L-attrici tghid li ma kellha ebda raguni ghalfejn kellha tahseb li kienet qeghda ddejjaq lill-konvenuta, peress li lanqas kienet qeghda taghmel dan fit-triq fejn tghix il-konvenuta. Wara l-imsemmija incidenti hija tispjega li kienet imwerwra u sofriet psikologikament. Ghalkemm ghamlet numru ta' sessjonijiet ghand il-*counsellor*, hija ma baqghetx tmur ghandu, peress li ma setghetx tlahhaq mal-ispejjez u apparti l-ispejjez medici, kellha tidhol fi spejjez legali u fi proceduri tal-Qorti.

L-attrici ssostni li l-konvenuta xehdet il-falz quddiem il-Qorti fil-proceduri kriminali, peress li hija la kienet hedditha u lanqas ippruvat titfa' l-ikel tal-kelb ghal fuqha, mentri l-ikel spicca mxerred fuqha u mal-art, kif spiccat ukoll l-istess borma li kellha. Tghid ukoll li l-konvenuta nstabet hatja mill-Qorti tal-Magistrati u giet ikkundannata thallas €100, filwaqt li l-konvenuta tpoggiet ukoll taht garanzija sabiex ma timmolestax l-attrici u ma tingurjahiex, liema sentenza ma kenitx appellata mill-konvenuta. L-attrici tghid ukoll li l-konvenuta talbet l-intervent tal-kappillan ta' dak iz-zmien ta' Hal-Safi, sabiex tahfrilha u li marret hija stess tkellem lill-kappillan fuq kif sehh l-incident. Tispjega li l-qatgha li hadet, baqghet fuqha u ghadha tibza tohrog mid-dar fid-dlam wahedha, ghalhekk marret tfittex l-ghajnuna ta' psikologu.

In kontro-ezami tinsisti li hija u l-konvenuta qabel l-incident kienu biss isellmu lil xulxin u li qatt ma tkellmu. Tichad li l-konvenuta Jane Busuttil kienet qaltilha biex tieqaf titma lill-klieb qabel l-incident u ghalhekk l-attrici tghid li baqghet ixxukkjata x'hin il-konvenuta bdiet tghajjat go wicca dak in-nhar tal-incident. Tiddeskrivi mill-gdid kif sehh l-incident u tichad li tat lill-konvenuta daqqa ta' borma jew li qalghet daqqa ta' borma, izda tinsisti li din il-borma waqghet mal-art wara li sfat aggredita. Meta l-avukat difensur tal-konvenuti jirrileva li fil-kwerela (esebita mar-rikors promotur) jinghad li hija qalghet ukoll daqqa ta' borma, l-attrici twiegeb li ghaddew hafna snin. Fuq mistoqsija tal-avukat difensur dwar kif fil-kwerela ma ssemmix li kienet tkaxxkret mill-konvenuta, l-attrici tispjega li fuq parir tal-avukat ta' dak iz-zmien, kienet qaltilha li fl-istadju tal-kwerela kellhom jissemmew l-affarijiet fil-qosor u li d-dettalji jinghataw waqt il-kawza. L-attrici tinsisti li marret tkellem lill-ispettur Carlos Cordina sabiex tinfurmah li l-affarijiet ma kenux mexjin sew. Tispjega li d-differenza bejn l-ewwel u t-tieni rapport mediku kienet li t-tbengil ma johrogx dak il-hin izda wara. Tilmenta li Dr Jonathan Joclyn mahtur mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kien il-Kap tal-Emergenza u mhux espert forensiku. Tikkonferma li wara l-proceduri kriminali hija pprocediet ukoll bi proceduri kostituzzjonali, izda dawn ma kellhomx l-ezitu mixtieq minnha. Sa fejn il-pretensjoni taghha ghad-danni tinkludi €1,180 hlasijiet lill-avukat taghha, tispjega li dawn jirraprezentaw hlas ghall-kawzi kollha li saru wara l-incident.

Mhux mehtieg li tigi rapportata x-xhieda tal-familjari tal-attrici, li bazikament jaghtu rendikont ta' dak li qaltilhom li ghaddiet minnu l-attrici, peress li hadd minnhom ma kien prezenti ghall-ewwel incident. Jinghad biss li fil-kaz ta' Samantha Farrugia, n-neputija tal-attrici, kienet l-ewwel wahda fuq il-post, wara li sehh l-incident tal-21 ta' Awwissu, 2008, li tghid sabet lill-attrici fi stat ta' agitazzjoni kbira u wara li marru ghand omm l-attrici, kienet hi li hadet ir-ritratti tal-feriti u tat-tbengil tal-attrici wara l-incident, li jinsabu esebiti in atti (a fol. 37 u 38 tal-process). Jinghad ukoll li hija akkumpanjat lill-attrici wara dan l-incident, l-ewwel fl-ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq, u wara fic-Centru tas-Sahha f'Rahal Gdid u fl-ahhar l-Isptar Mater Dei. Filwaqt li x-xhieda ta' oht l-attrici, Margaret Bongailas, hija relevanti sa fejn hija kienet flimkien fil-karozza mal-attrici fit-23 ta' Awwissu, 2008, meta l-konvenut Nazzareno Busuttil fetah il-bieba tal-karozza tan-naha taghha u beda jghajjat sabiex ma jmorrux aktar 'l

hemm, li fl-ahhar kienu ser igeghluh igib is-senter u jispicca l-habs. It-tifla tal-konvenuti ukoll bdiet tghajjarhom. Hija kienet bezghet hafna u ghalhekk qalet lill-ohtha sabiex issuq u jitilqu minn hemm u baqghu sejrin l-Ghassa tal-Pulizija. Tghid ukoll li ghalkemm ittiehdu l-passi kriminali kemm kontra l-konvenuta ghall-ewwel incident, fejn instabet hatja u kontra l-konvenut u bintu ghat-tieni incident, dawn tal-ahhar gew mehlusa, wara li l-kaz kontra taghhom twaqqa' minhabba zball da parti tal-Pulizija.

Xehed il-kappillan Father Joseph Cilia fejn qal li l-konvenuta Jane Busuttil kienet marret tkellmu bhala kappillan tal-parrocca, sabiex jitrangaw l-affarijiet, bejn il-kontendenti fil-kawza. Huwa kellem lil Dorothy, li tigi n-neputija tal-attrici, sabiex ikun jista' jkellem lill-attrici dwar il-glieda li nqalghet. Wara kien kellem lill-attrici u kien ra wkoll ir-ritratti tat-tbengil taghha.

Fix-xhieda taghha, t-tabiba Dr Pamela Gauci tispjega li wara l-ewwel ezami maghmul minnha fuq l-attrici fil-21 ta' Awwissu, 2008, ikkostatat numru ta' feriti, bhall-grif fuq quddiem tal-ghonq u gundalla fuq in-naha leminija tar-ras u li fuq din, dehrilha li kien ikun ahjar li tirreferi lill-pazjenta l-isptar ghal aktar investigazzjonijiet. Tghid ukoll li t-tieni certifikat mahrug minnha fis-26 ta' Awwissu, 2008, fejn ikkostatat il-griehi hemm rapportati, wara li l-attrici marret mill-gdid ghal vista fic-Centru tas-Sahha, fejn qalet li hargilha t-tbengil wara l-ewwel glieda. Tishaq li hija rriskontrat dawn il-griehi li kienu ta' natura hafifa, ma kenitx irrapurtathom fl-ewwel certifikat, peress li ma kenux prezenti u ma setghetx tghid fic-cert li dawn kienu konsegwenza tal-ewwel incident.

Dr Josef Zahra kien it-tabib li jahdem fl-Emergenza, fl-isptar Mater Dei li ha l-X-ray tar-ras li sar lill-attrici. Jghid li mic-certifikat mahrug minnu jirrizulta li ma kienx hemm ksur.

Xehed Matthew Bartolo, *generic counsellor*, li spjega li ftit wara li gara l-incident, l-attrici kienet irrikorriet ghandu peress li qaltlu li sfat aggredita minn xi hadd u kienet trawmatizzata minn dak li ghaddiet minnu. Il-klijenta spjegatlu li kienet qeghda tibza' ghal hajjitha, peress li qalghet xi daqqiet u bezghet li kienu ser jitfghuha x'imkien u li baqghet tirrepeti dak li ghaddiet minnu. Il-fatt li kienet tirrepeti dak li ghaddiet minnu,

kien sintomatiku ta' xi hadd trawmatizzat. Jispjega li fil-fehma tieghu l-attrici kienet genwinament tbaghti minn *Post Traumatic Stress Disorder*, peress li hija baqghet tohlom dwar dak li ghaddiet minnu, kienet toqghod lura, tibza' tmur fl-istess post u tmur ghandu wara li jwassalha xi hadd. B'kollox, l-attrici attendiet tmien sessjonijiet ghandu u ghalkemm fl-opinjoni tieghu, l-attrici kellha tkompli tigi segwita, ma baqghetx tmur ghandu, minhabba li kellha problema finanzjarja. In kontro-ezami spjega li huwa ma rax il-files medici tal-isptar tal-attrici, peress li ma kellux access ghalihom u li kien joqghod fuq li tghidlu l-klijenta. Ma setghax jeskludi li l-istess attrici kellha xi kundizzjoni qabel ma sehh l-incident stante li access ghall-files ma kellux.

Gew esebiti wkoll fl-atti kopja tal-atti tal-kawza kriminali numru 876/2009, inkluz kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-26 ta' Jannar, 2015, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jane Busuttil,** liema sentenza jinghad li hiija wahda finali, peress li ma kenitx appellata. Permezz tal-imsemmija sentenza, l-imputata Jane Busuttil (konvenuta f'din il-kawza) instabet hatja tal-akkuza li kkagunat feriti ta' natura hafifa (kif inkorporata fl-akkuza aktar serja ta' ferita gravi) fuq il-persuna ta' Marija Zammit (l-attrici fil-kawza odjerna) u kkundannataha thallas multa ta' mitt ewro, filwaqt li pprovdiet ukoll ghas-sigurta ta' Marija Zammit, billi rabtet lill-imputata b'obbligazzjoni ta' mitejn ewro, li ma timmolestax u ma tingurjax lill-istess Marija Zammit ghal perjodu ta' sena ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Kriminali). Gew esebiti wkoll kopji tal-atti tal-proceduri fl-ismijiet **Pulizija vs Jacqueline Leonard** li gew decizi in prim'istanza mill-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta' Ottubru, 2009, fejn il-proceduri gew dikjarati bhala preskritti u fl-appell mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Ottubru, 2011, fejn intlaqghet l-eccezzjoni tan-nullita tal-appell imressaq mill-attrici bhala part leza, peress li d-dritt tal-appell huwa moghti lill-parti civili fil-kawza, limitatament f'dawk ic-cirkostanzi kontemplati mil-ligi. Tirrizulta esebita in atti wkoll s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' April 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Marija Zammit vs Kummissarju tal-Pulizija et.**

**Preskrizzjoni**

Jinhass opportun li tigi trattata mal-ewwel it-tielet eccezzjoni ta' natura preliminari, peress li jekk tinstab li hija gustifikata, ma jkun hemm ebda htiega li l-azzjoni attrici tigi mistharrga ulterjorment. Permezz tat-tielet eccezzjoni taghhom, il-konvenuti

jsostnu li l-azzjoni attrici hija perenta a tenur tal-artikolu 2154 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Civili), peress li ghar-reat li tieghu l-konvenuta Jane Busuttil instabet hatja, kif kontemplat taht l-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jinsab preskritt bid-dekors tat-terminu ta' sentejn u dan kif jipprovdi l-artikolu 688(e) tal-istess Kodici Kriminali.

L-artikolu 2154(1) tal-Kodici Civili jipprovdi:

> Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.

Illi l-artikolu 688(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Kriminali) jaqra kif isegwi:

> Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –
> (e) bl-eghluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

Il-kwistjoni jekk l-azzjoni attrici odjerna tintlaqatx bil-preskrizzjoni indikata mill-konvenuti tiddependi fuq jekk il-fatti attribwiti lill-konvenuti jaqghux fid-definizzjoni ta' reat. Fil-kaz tal-ewwel incident, m'hemmx dubju li jaqa' f'din id-definizzjoni, tant li l-konvenuta nstabet hatja ta' reat kif spjegat qabel, li kkawzat ferita ta' natura hafifa lill-attrici li skont l-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali, jikkontempla piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew multa, kif effettivament inghatat f'dan il-kaz. Kwindi m'hemmx dubju li dan il-kaz jaqa' fil-parametri tal-preskrizzjoni kontemplata taht l-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali.

Jehtieg li jigi mistharreg it-tieni incident li bih l-attrici tixli lill-konvenuti (peress li l-proceduri kriminali f'dak il-kaz waqghu). L-attrici ssostni li l-konvenuti kkagunawlha danni permezz ta' theddid, li huwa wkoll reat taht il-Kodici Kriminali. Ghalhekk, il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici, hija dik li hemm fil-Kodici Kriminali dwar ir-reat ta' theddid. It-theddid li tilmenta dwaru l-attrici fil-konfront tal-konvenuti, kien dak ta' natura verbali li gab fuqha biza' li setghet tintuza vjolenza kontra taghha jew ta' ohtha. L-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali jghid li, l-piena ghar-reat ta' meta ohrajn jibzghu li se tintuza vjolenza kontrihom, bhal f'dan il-kaz, hija ta' prigunerija minn tliet xhur sa sitt xhur, jew multa, jew multa u prigunerija f'daqqa. Il-preskrizzjoni,

ghalhekk, f'dan il-kaz ukoll jaqa' taht il-parametri tal-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali, fejn jinghad li l-azzjoni kriminali taqa' bl-eghluq ta' sentejn.

Trattat il-perjodu preskrittiv applikabbli ghall-kaz in ezami huwa dak ta' sentejn, tibqa' l-kwistjoni dwar jekk l-attrici harsitx id-drittijiet taghha fi zmien sentejn kif dettat mil-ligi, sabiex tiehu l-azzjoni gudizzjarja mehtiega fil-konfront tal-konvenuti, kif ukoll minn meta jibda jiddekorri l-perjodu preskrittiv. Kif osservat minn din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Gunju, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Grech et vs Stefan Borg**:

> Illi minhabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-imharrek hija wahda estintiva tal-azzjoni attrici, jidhol fis-sehh il-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tigi mibdija l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li *actioni non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier jghallmu li: "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere*… (cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII. Par 364 pag 279). Izjed 'il quddiem izidu jghidu illi "*La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*" (op. Cit. Par 393bis, pag 306);
>
> Illi gie stabilit ukoll li, ghall-finijiet tal-artikolu 2137, iz-zmien li fih l-azzjoni jmissha tinbeda titqies minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahseb l-imgarrab, u li, certament, in nuqqas ta' gharfien tal-ligi m'huwiex raguni valida biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel [ara sentenza Prim'Awla tal-**25 ta' April, 1964** fil-kawza flismijiet *Alfred Delia vs John Terstaferrata Abela* (kollez. Vol: **XLVIII.ii.959**)];

Kwindi f'kull kaz li titressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa mehtieg li jigi determinat minn meta l-preskrizzjoni tal-azzjoni ghandha tibda titqies. Fuq dan l-ahhar kwezit, fir-rigward ta' meta jibda jiddekorri l-perjodu preskrittiv fil-kaz in ezami, huwa meqjus li dan ghandu jittiehed mid-dati taz-zewg incidenti, cioe l-21 ta' Awwissu, 2008 u t-23 ta' Awwissu, 2008, li minnhom l-attrici tilmenta u li tqis li l-agir tal-konvenuti wassal sabiex hija tbaghti d-danni li qeghda tippretendi. Kwindi l-attrici kellha l-obbligu li tassigura li l-pretensonijiet taghha kontra l-konvenuti ma jaqghux preskritti u dan billi tibda l-proceduri mehtiega skont il-ligi fi zmien sentejn mill-imsemmija dati. Ir-rikors promotur odjern gie intavolat fl-1 ta' Gunju, 2015, kwazi seba' snin wara z-zewg incidenti li dwarhom tilmenta l-attrici.

Isegwi li l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti odjerna, huwa li tara mill-atti u mill-proviipprezentati lilha, jekk hux il-kaz li l-perjodu preskrittiv ta' sentejn invokat mill-konvenuti bhala eccezzjoni, fil-fatt iddekorrix favur taghhom, minghajr ma gie nterrott skont il-ligi da parti tal-attrici jew jekk il-perjodu ta' preskrizzjoni giex interrott kif issostni l-attrici. Relevanti huma l-Artikoli 2128, 2136 u 2137 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdu kif isegwi:

> 2128. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom.
>
> 2136. (1) Meta l-preskrissjoni tigi miksura, iz-zmien li jkun ghadda qabel ma jghoddx ghalbiex wiehed jippreskrivi.
> (2) Izda, l-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-gdid.
>
> 2137. Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

Peress li bejn l-incidenti li sehhew u l-prezentata tar-rikors promotur ghaddew aktar minn sentejn jehtieg li din il-Qorti tezamina jekk fil-frattemp il-preskrizzjoni kinitx giet interrotta kif tghid l-attrici, b'mod li meta gie intavolat r-rikors promotur, l-attrici kienet ghad ghandha d-dritt ghall-azzjoni minnha ntavolata. Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza u ghalkemm ma sabet ebda ittri ufficjali esebiti in atti, jirrizulta li mir-rikors promotur saret referenza ghal tliet ittri ufficjali, li jgibu referenza 1227/10, 818/12 u dik li saret fil-21 ta' Marzu, 2014. Minkejja li dawn l-ittri ufficjali msemmija fir-rikors promotur mhumiex esebiti in atti, kif ritenut diversi drabi mill-qrati taghna, avolja ma gewx ipprezentati l-kopji tal-ittri ufficjali in kwistjoni, ladarba dawn l-atti jinsabu fir-Registru tal-Qorti, jezistu l-mezzi ghad-disposizzjoni tal-Qorti, li tigi vverifikata l-ezistenza ta' dawk l-atti. Meta din il-Qorti, vverifikat, irrizultalha li ghalkemm gew ipprezentati z-zewg ittri ufficjali fit-8 ta' Marzu, 2012 u fil-21 ta' Marzu, 2014, citati mill-attrici limitatament fil-konfront tal-konvenuta (u mhux fil-konfront tal-konvenut), fil-kaz tal-ittra ufficjali li ggib referenza 1227/2010, irrizulta li din l-ittra ufficjali, ghalkemm saret fil-konfront ta' certa Mary Zammit, din l-ittra ufficjali la titratta l-istess attrici u wisq anqas titratta l-istess mertu tal-kawza odjerna. Wara li saret in-nota ta' sottomissjonijiet da parti tal-attrici gie nnutat li flimkien man-nota kien hemm annessi xi referti li minnhom irrizulta li l-ewwel ittra ufficjali li saret kienet iggib ir-referenza

1277/2010 (u mhux 1227/2010 kif citat mill-attrici qabel). Kwindi wara verifika ulterjuri rrizulta li l-ewwel ittra ufficjali li saret da parti tal-attrici kienet fid-29 ta' April, 2010. Ghalhekk jirrizulta li saru tliet ittri ufficjali da parti tal-attrici bl-iskop li tigi interrotta l-preskrizzjoni, li gew debitament notifikati lill-konvenuta Jane Busuttil.

Dan ifisser li wara l-incidenti tal-21 ta' Awwissu, 2008 u tat-23 ta' Awwissu, 2008, l-ewwel ittra ufficjali li saret mill-attrici, fil-konfront tal konvenuta kienet dik tad-29 ta' April, 2010, wara saret dik tat-8 ta' Marzu 2012, u fl-ahhar dik tal-21 ta' Marzu, 2014, filwaqt li ma jirrizultax li l-konvenut qatt gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali wara li sehh it-tieni incident, qabel ma gie intavolat ir-rikors promotur fl-1 ta' Gunju, 2015. Ghalhekk il-perjodu preskrittiv applikabbli ghall-kaz odjern certament lahaq ghadda, minghajr ebda interruzzjoni fil-kaz tal-konvenut, mentri jehtieg li jigi determinat jekk l-ittri ufficjali li saru fil-konfront tal-konvenuta jservux ghall-fini tal-interruzzjoni preskrizzjoni. Minn harsa lejn id-dati li fihom gew ipprezentati l-ittri ufficjali jirrizulta li, ghalkemm l-ewwel wahda tad-29 ta' April, 2010, saret entro t-terminu ta' sentejn mid-data tal-incident u t-tieni wahda li saret fit-8 ta' Marzu, 2012, wkoll saret fit-terminu ta' sentejn minn meta saret l-ewwel ittra ufficjali, jirrizulta li t-tielet ittra ufficjali saret fil-21 ta' Marzu, 2014. Ghalhekk tqum il-kwistjoni jekk it-tielet ittra ufficjali saritx fit-terminu ta' sentejn jew jekk dakinhar kienx skada l-perjodu preskrittiv ghall-attrici.

Relevanti f'dan il-kuntest huma l-Artikoli 890 u 891 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jpprovdu:

> 890. Il-protest jew l-ittra ufficjali jibdew isehhu minn dak in-nhar tan-notifika.
>
> 891. (1) **Izda, meta l-protest jew l-ittra ufficjali jkunu maghmula biex jiksru z-zmien tal-preskrizzjoni, huma jibdew isehhu mill-gurnata tal-prezentata,** basta li jekk in-notifika ma ssirx fi zmien it-tmint ijiem ta' wara, il-parti li tkun ipprezentat il-protest jew l-ittra ufficjali taghmel ir-rikors ghall-hrug fil-Gazzetta tal-Gvern ta' avviz, iffirmat mir-registratur, li jkun fih migjuba s-sustanza ta' dak l-att, u li dak l-avviz jigi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien xahar li jibda jghoddu mill-gurnata mill-gurnata tal-prezentata ta' l-att."

F'sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Lulju, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Borg vs Jacqueline Bajjada**, li kienet titratta kaz simili ghal dak in ezami, inghad illi:

> Huwa minnu li, f'materja ta' preskrizzjoni, r-regoli ghandhom jigu interpretati b'mod rigoruz billi din hija eccezzjoni odjuza. Biss din il-Qorti trid thares mhux biss lejn l-interess ta' l-attur izda wkoll lejn dak tal-konvenut li, wara

> kollox, huwa moghti d-dritt bil-ligi biex jiddifendi kull azzjoni migjuba kontrih bil-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni.
> …
> Ghalhekk tenut kont ta’ dan din il-Qorti tikkondividi dak li qalet l-ewwel Qorti fil-parti konkluziva tas-sentenza u tirritjeni li, stante li l-protest kien mahsub biex jinterrompi l-preskrizzjoni, l-effett tieghu beda jsehh mid-data tal-prezentata u konsegwentement meta gie intavolat t-tieni protest l-preskrizzjoni kienet iddekorriet.

Applikati dawn l-istess principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li ghalkemm l-ittri ufficjali saru bil-fini li tigi nterrotta l-preskrizzjoni, ladarba skont l-Artikolu 891 tal-Kap. 12 l-istess ittri jiksru l-preskrizzjoni b’sehh mill-gurnata tal-prezentata taghhom, u t-tieni ittra ufficjali giet ipprezentata fit-8 ta’ Marzu, 2012, dan ifisser li fit-8 ta’ Marzu 2014, kienu ghaddew is-sentejn mahsuba fil-ligi ghall-fini tal-preskrizzjoni in ezami. Ghalhekk meta giet ipprezentata t-tielet ittra ufficjali fil-21 ta’ Marzu, 2014 kienet applikabbli l-preskrizzjoni ta’ sentejn invokata mill-konvenuti taht l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili u l-attrici b’hekk tilfet id-dritt li tmexxi l-kawza proposta minnha.

Ghalkemm wara li jkun ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, l-istess preskrizzjoni tista’ tinkiser fejn ikun hemm l-gharfien tal-jedd, li jissejjah rinunzja ghall-jedd li persuna tinvoka favur tieghu jew taghha l-preskrizzjoni, f’dan il-kaz ma jirrizultax li kien hemm xi rinunzja f’dan is-sens da parti tal-konvenuti. Kwindi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni nvokata mill-konvenuti tirrizulta gustifikata u sejra tintlaqa’.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi, tilqa’ t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara l-azzjoni attrici bhala preskritta fil-konfront taghhom u konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur